

Brussell, 6 ta' Diċembru 2021  
(OR. en)

14741/21

AGRI 611  
AGRIFIN 153  
AGRIORG 142  
FOOD 60  
DENLEG 98  
PECHE 473

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	13761/21 + ADD 1-3
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pjan ta' kontinġenza għall-iżgurar tal-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi - <i>Approvazzjoni</i>

---

L-Anness għal din in-nota fih abbozz ta' konklużjonijiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq kif maqbula fi ħdan il-Komitat Speċjali dwar l-Agricoltura fis-6 ta' Diċembru 2021 bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom fil-laqgħa tal-Kunsill "Agricoltura u Sajd" fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pjan ta' kontinġenza għall-iżguraw tal-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi**

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**FILWAQT LI JFAKKAR:**

- l-objettivi tat-Trattat tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) rilevanti fir-rigward tal-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel;
  - ir-rapport ta' Prospettiva Strateġika 2020 tal-Kummissjoni ffoka fuq ir-reżiljenza;
  - l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, li fihom il-Kunsill laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa pjan ta' kontinġenza mfassal biex jiżgura l-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi;
  - il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2021<sup>1</sup> dwar it-tisħiħ ta' tnejn, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri, li għandhom l-għan li jsaħħu r-rispons kollettiv tal-UE għal kriżijiet futuri billi b'mod partikolari jtejbu l-immaniġġjar ta' kriżijiet transsettorjali u transfruntieri, filwaqt li jenfasizzaw li l-miżuri relatati mal-kriżi għandhom ikunu temporanji, proporzjonati u kkoordinati bis-siġħ, bil-għan li jerġa' jibda malajr kemm jista' jkun il-funzjonament normali tas-suq uniku.
1. **ITENNI** r-rwol strateġiku tas-setturi tal-agrikoltura, is-sajd, l-akkwakultura u l-ikel biex jiżguraw provvista suffiċjenti u varjata ta' ikel sikur, nutrittiv, affordabbli u sostenibbli għan-nies f'kull ħin, inkluż fi żminijiet ta' kriżi, u l-importanza ta' Suq Uniku f'dan ir-rigward billi tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera ta' oġġetti, persuni, animali ħajjin, servizzi u kapital.

---

<sup>1</sup> dok. 13780/21

2. **JIRRIKONOXXI** li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-ikel u d-distribuzzjoni permezz tal-katina tal-provvista tal-ikel qed jiġu affettwati dejjem aktar mill-inċertezza kif ukoll mill-volatilità tal-prezzijiet u tal-provvista li jirriżultaw b'mod partikolari mit-tibdil fil-klima u avvenimenti estremi tat-temp relatati, id-degradazzjoni ambjentali, il-kwistjonijiet tas-saħħa tal-pjanti u tal-animali, u d-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta' inputs ewlenin (jiġifieri addittivi tal-ikel u l-għalf, fertilizzanti, enerġija, xogħol, eċċ.) kif ukoll minn riskji barra s-sistemi tal-ikel.
3. **JENFASIZZA** li minkejja l-problemi li ltaqgħu magħhom xi setturi bħala konsegwenza ta' miżuri relatati mas-saħħa, problemi fuq terminu qasir li jaffettwaw il-moviment ta' persuni u oġġetti, inkluż inputs agrikoli u materjal tal-imballaġġ, u l-għeluq tas-servizzi tal-ikel, is-sistema tal-ikel tal-UE wriet ir-reżiljenza u l-funzjonament tajjeb tagħha fil-pandemija tal-Covid.
4. **JIRRIKONOXXI** li azzjonijiet rapidi u kkoordinati fil-livell tal-UE, bħal korsiji ħodor, il-mobbiltà ta' ħaddiema tranfruntiera u staġjonali, appoġġ addizzjonali tal-UE, regoli aġġustati dwar l-ghajjnuna mill-Istat, flussi kummerċjali miftuħa, trasparenza u komunikazzjoni indirizzaw id-diffikultajiet inizjali l-aktar urġenti. Madankollu, **JIRRIKONOXXI** li l-pandemija tal-Covid żvelat oqsma għal titjib, li għandhom jiġu indirizzati biex tittejjeb aktar ir-reżiljenza tas-settur tal-ikel u jkun possibbli approċċ integrat, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.
5. **JAQBEL** li koordinazzjoni u kooperazzjoni transsettorjali u transfruntiera msaħħa fil-livell tal-UE huma essenzjali biex ikun hemm rispons effettiv għall-kriżijiet, inkluż dawk relatati mal-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel u **JISSOTTOLINJA** l-ħtieġa li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali u tal-UE u li l-mekkaniżmi eżistenti adatti tal-UE jiġu żviluppati kif ukoll jissaħħu, mingħajr duplikazzjoni u trikkib.
6. **JILQA'** l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan ta' kontinġenza għall-iżgurar tal-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi, li tiffoka fuq it-tnejn u għandha l-għan li tidentifika n-nuqqasijiet u ttejjeb l-immaniġġjar ta' kriżijiet.

7. **JAQBEL** li l-qafas ta' politika eżistenti tal-UE rilevanti għall-provvista tal-ikel, inkluż il-Politika Agrikola Komuni u l-Politika Komuni tas-Sajd, diġà jinkludi firxa wiesgħa ta' miżuri mmirati biex iżidu r-reżiljenza tas-settur tal-ikel billi jipprovdu rispons effettiv u f'waqtu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, **JINNOTA** li l-miżuri ta' rispons għall-kriżijiet tal-PAK ma ġewx riveduti fl-aħħar riforma, u **JIRRIKONOXXI** l-mekkaniżmi stabbiliti ta' prevenzjoni u ta' kriżi fil-livell tal-Istati Membri, inkluż approċċi volontarji dwar riżervi strateġiċi f'xi Stati Membri.
8. **JAQBEL MAL-FEHMA** li aktar attivitajiet fil-livell tal-UE għandhom jibnu fuq dawn l-istrumenti ta' politika, u **JAQBEL** li l-azzjoni fil-livell tal-UE għandha tiffoka fuq it-tisħiħ tal-koordinazzjoni u t-titjib tal-ippjanar ta' kontinġenza dwar it-tnejjija, inkluż bl-iskambju ta' eżempji tal-aħjar prattiki eżistenti fil-livelli nazzjonali jew reġjonali.
9. F'dan ir-rigward **JAPPOĠĠA** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Mekkaniżmu Ewropew permanenti ta' tnejjija u rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (EFSCM) li jinvolvi awtoritajiet pubbliċi mill-Istati Membri u bil-parteċipazzjoni, fil-forma xierqa li għandha tiġi determinata, ta' dawk il-pajjiżi terzi li l-katina tal-provvista tal-ikel tagħhom hija integrata mal-UE, kif ukoll partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw l-istadji kollha tal-katina alimentari u s-setturi li jappoġġaw il-funzjonament tal-katina u l-industriji li jipprovdu inputs jew diversi prodotti u materjali meħtieġa fil-produzzjoni tal-ikel.
10. **ITENNI** li l-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri għandhom jitqiesu fl-organizzazzjoni tal-ippjanar ta' kontinġenza fil-livelli nazzjonali u Ewropej, inkluż fin-nomina ta' awtorità waħda għal kull Stat Membru għal finijiet ta' koordinazzjoni u kuntatt u **JENFASIZZA** l-ħtieġa li tiġi evitata żieda fil-piż amministrattiv.
11. **JAQBEL** li l-Kummissjoni ssejjaħ b'mod regolari l-Grupp ta' Esperti stabbilit skont l-EFSCM u li tattiva l-EFSCM b'mod immedjat u kemm-il darba huwa meħtieġ, f'każ ta' kriżi li thedded il-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fl-UE.

12. **JILQA'** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq studju biex tirrevedi r-riskji, il-vulnerabbiltajiet u l-infrastruttura kritika tal-katina tal-provvista tal-ikel, inkluż dwar komoditajiet jew materja prima fejn l-UE tiddependi fuq għadd limitat ta' sorsi jew fejn il-produzzjoni tal-UE hija insuffiċjenti ħafna, filwaqt li tirrispetta r-regolamenti tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri u tiżgura trattament xieraq ta' informazzjoni sensittiva jew kunfidenzjali.
13. **JAQBEL** dwar il-ħtieġa li ssir riflessjoni dwar modi kif jiġu indirizzati jew mitigati r-riskji u l-vulnerabbiltajiet identifikati inkluż kwistjonijiet strutturali li jqiegħdu f'riskju l-ktajjen tal-provvista tal-ikel bħal dawk minħabba t-tibdil fil-klima u l-iskoperturi speċifiċi tal-produtturi primarji. Għandha titqies is-sitwazzjoni partikolari tat-territorji tal-UE l-aktar vulnerabbli għal disturbi fi żminijiet ta' kriżi, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi<sup>2</sup>, iż-żoni remoti jew muntanjużi, il-gżejjer u l-istati gżejjer.
14. **JIRRIKONOXXI** li għandu jiġi kkunsidrat li l-osservatorju tas-suq eżistenti għas-swieq agrikoli u tas-sajd jiġi kkomplementat b'dashboards speċifiċi għall-monitoraġġ tal-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel u, fid-dawl tar-rabta mas-swieq internazzjonali, ir-rwol importanti tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli (AMIS).
15. **JILQA'** l-intenzjoni li l-EFSCM jiżviluppa rakkomandazzjonijiet dwar modi kif tittejjeb id-diversità tas-sorsi tal-provvista bejn ktajjen tal-provvista tal-ikel qosra u dawk twal u dwar linji gwida għall-komunikazzjoni tal-kriżijiet dwar il-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel, **JIRRIKONOXXI** fl-istess ħin l-importanza ta' kummerċ internazzjonali miftuħ, trasparenti u bbażat fuq ir-regoli u politika agrikola komuni orjentata lejn is-suq f'dan ir-rigward u **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tispjega l-metodu għall-abbozzar ta' tali rakkomandazzjonijiet fil-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti.
16. **JINNOTA** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq studju dwar ir-rwol tat-teknoloġiji tal-informazzjoni biex tittejjeb it-trasparenza tas-suq, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi, u **JAQBEL** li huwa wkoll ta' benefiċċju li jinħoloq network ta' korrispondenti mill-organizzazzjonijiet rilevanti tas-settur privat filwaqt li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi protetta l-informazzjoni sensittiva.

---

<sup>2</sup> Is-sitwazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi hija rikonoxxuta fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

17. **JENFASIZZA** l-importanza ta' komunikazzjoni strateġika u ta' kriżi mtejba u **JIRRIKONOXXI** li filwaqt li tiġi rispettata l-valutazzjoni tal-Istati Membri relatata mas-sigurtà, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, pereżempju permezz ta' rapportar perjodiku dwar l-istat ta' tħejjija, inkluż il-kuntest globali, u l-attivitajiet tal-EFSCM lill-istituzzjonijiet tal-UE hija importanti.
18. **ITENNI** l-importanza ta' komunikazzjoni bikrija, regolari u trasparenti lill-partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku biex tiġi evitata d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-pubbliku.
-